# Tagħrif Dwar Birkirkara f'Nofs is-Seklu Tmintax

Kan. Michael Agius B.A. Lic.D.

*Dan it-tagħrif fil-qosor fuq il-poplu ta' Birkirkara f'nofs is-seklu tmintax inkiseb minn żewġ dokumenti li jinsabu fl-arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina. Dawn huma kopja kontemporanja tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan fl-1747 u ċ-ċensiment jew kif inhu magħruf uffiċjalment l-iStatus Animarum tal-Prepostu Kurat Giacomo Bertis tal-1758.*

Mill-ewwel dokument se nislet tagħrif li jirrigwarda l-kleru u dawk li kienu jservu fil-knisja u mit-tieni dwar il-poplu ta' Birkirkara.

Iż-Żjara Pastorali ta' l-Isqof Alpheran.

Din iż-żjara bdiet fit-18 ta' Ottubru 1747, jum il-festa ta' l-Evanġelista San Luqa. L-isqof għamel erbat ijiem intensi fil-parroċċa u mbagħad fil-21 ta' Ottubru, minħabba impenji oħra, ssospenda l-viżta biex ikompliha aktar tard. L-Isqof kien jagħmel kemm viżta lokali, billi jżur kull knisja u kappella tal-post li jkun fih. Kif ukoll viżta personali, billi jiltaqa' mal-kleru kollu u l-persuni l-oħra addetti għas-servizz tal-parroċċa.

Il-jum tal-21 ta' Ottubru kien għalih impenjattiv ħafna. L-ewwel ħidma ta' l-Isqof f'dak il-jum kienet l-għoti fil-palazz tiegħu, tat-tonsura lil tnax-il żagħżugħ, ħdax minn Birkirkara u wieħed minn Tal-Pietà. Wara żar seba' knejjes filjali fil-parroċċa: Il-Konverżjoni ta' San Pawl, Santa Venera, il-knisja l-qadima ta' Santa Marija, Santa Katerina, It-Twelid tal-Madonna magħrufa bħala Tal-Ħerba, it-Twelid tal-Madonna f'Ħas-Sajjied u Santu Rokku.

Wara għadda għall-viżta personali. It-test ta' din il-parti tal-viżta jibda b'dawn il-kelmiet sbieħ:

Dehru quddiem l-isqof id-dinjitajiet u l-Kanonċi tal-Kolleġġjata tal-knisja ta' Birkirkara, il-qassisin u l-membri l-oħra tal-kleru. Dawn is-sottomettew ruħhom għall-viżta u t-

twissijiet ta' l-Isqof li laqagħhom wieħed wieħed u kellimhom bl-imħabba ta' missier.

Dehru quddiemu l-Prepostu Dun Ġużepp Gaspare Vassallo, J.U.D., l-Arċipriet Dun Karl Bellia u ħdax mit-tnax il-kanonċi l-oħra. Il-kanonku Dun Ġużepp Micallef kien skużat għax marid. Warajhom marru quddiem l-Isqof id-dsatax-il saċerdot li kienu jservu l-parroċċa, kif ukoll żewġ djakni u żewġ kjeriċi fl-ordnijiet minuri. Wieħed minn dawn, Salvu Sammut, inzerta kien ukoll tabib. Deher ukoll Gaetano Salvaloco li kien kjeriku miżżewweġ. Kjeriku miżżewweġ ieħor, Mikiel Borg, kien skużat għax marid.

L-Isqof imbagħad, fil-preżenza taċ-ċerimonier tal-Katidral Dun Dumink Falzon għadda biex jagħmel lill-kleru ta' Birkirkara l-eżami tal-quddiesa. Kulħadd ġie eżaminat u approvat. Iżda ġew eżentati milli jagħmlu dan l-eżami kemm il-Prepostu kif ukoll is-saċerdot Dun Sebastjan Gabrieli, dan ta' l-aħħar għax kellu xi inkonvenjent.

Wara dan l-eżami l-Isqof talab li jiġi muri d-dokument ta' l-għoti tal-kanonikat ta' xi membri ta' dan il-kapitlu, li kienu l-kanonċi Ġwann Micallef, Felic Sammut u Rafel Debono. Ra wkoll id-dokumenti jew ċertifikati ta' l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' seba' saċerdoti u ta' l-Ordinazzjoni Djakonali taż-żewġ djakni: Tumas Sciortino u Ġużeppi Vella. Fil-każ tas-saċerdot Mikielanġ Gatt, l-Isqof eżamina wkoll il-liċenza tiegħu biex jgħallem il-grammatika u l-arti, li kienet tinkludi wkoll l-istqarrija tal-fidi li huwa kien għamel biex jgħallem.

L-Isqof ried jeżamina wkoll id-dokument tal-ħatra ta' żewġ servjenti jew sagristani, Leopoldo Sciortino li kien is-servjent tal-kappella ta' Santu Rokku, kif ukoll Ferdinandu Camenzuli li kien is-servjent tal-Kappella ta' San Pawl.

Iż-żjara personali ntemmet billi l-Isqof eżamina żewġ majjistri, li allura f'każ ta' periklu ta' mewt, kellhom l-obbligu jgħammdu lit-trabi, biex jara jekk jistgħux jaqdu dmirhom tajjeb biżżejjed.